TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 84/17/F

**Reuben Borg**

**vs**

**Marina Palace Home**

Illum, 1 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Mejju, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' seba' mitt Ewro (€700), rappreżentanti nuqqas ta' servizz li ngħata waqt li missieru kien fil-home.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa lil missieru ġo din il-home sabiex jiġi ikkurat u minħabba l-problemi ta' saħħa li kellu l-anzjan, kellu jmur l-isptar, u meta ħareġ mill-isptar m'aċċettawhx lura.

L-intimat issottometta illi waqt li kien ġewwa l-home, kien aggressiv ħafna ma' l-istaff u kellu problemi mentali u kif ukoll problemi ta' l-ikel, illi għalhekk ma riduhx ġol-home għax kien ta' periklu.

It-Tribunal, jinnota li qabel ma daħal fil-home, il-home kienet taf li kellu diversi problemi kemm psikoloġiċi, kif ukoll mentali u fiżiċi. Pero' l-attitudni ta' l-anzjan kienet daqsxejn aggressiva u kellu nuqqas ta' kooperazzjoni.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi għalhekk tmur ġo home fejn għandek bżonn il-kura speċjalizzata u li għandu jkun hemm l-għajnuna neċessarja, pero' t-Tribunal jaċċetta li ċertu aggressivita' daparti tal-pazjent mhix aċċettabbli. It-Tribunal mhux se jidħol fil-kwistjoni għaliex il-home m'aċċettatux lura wara li ħareġ mill-isptar, pero' it-Tribunal qed jiddeċiedi fuq il-kwistjoni tal-flus.

Għaldaqstant it-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, jikkonkludi illi meta home taċċetta anzjan trid tkun ċerta li hija kapaċi li tieħu ħsiebu u min-naħa l-oħra pero' jekk jirriżulta ċerta aggressivita' waqt li qiegħed hemm, jista' jkun illi l-home għandha dritt li ma tkomplix tagħti l-kura.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**